MALTA

QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

MAGISTRAT DR. ANTHONY ELLUL

Seduta tas-27 ta' Ottubru, 2009

Citazzjoni Numru. 217/1997/1

Martin u Carmela konjugi Xuereb u b'digriet tal-24 ta' Jannar 2006 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Victoria Hili stante l-mewt ta' Martin Xuereb fil-mori tal-kawza u b'digriet moghti fid-19 ta' Ottubru 2007 Victoria Hili assumiet l-atti tal-kawza f'isem l-assenti Carmela Xuereb

Vs

Peter Paul u Marija konjugi Camilleri

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-4 ta' Novembru 1997 mill-atturi fejn ippremettew:-

B'kuntratt li sar fl-atti tan-Nutar John Busuttil fis-16 ta' Settembru 1956, Pawlu Camilleri, missier l-attrici Carmela Xuereb, kien akkwista minghand Anthony Vella l-art imsejha 'Ta' Troppu'' fil-limiti tan-Nadur, Ghawdex ta' cirka

tlett sieghan ekwivalenti ghal cirka hames mija u wiehed u sittin metru kwadru (561m.k.) u konfinanti mill-punent ma' Triq San Gwann, nofsinhar ma' passagg, tramuntana ma' beni tal-istess Pawlu Camilleri u lvant ma' beni ta' Pawla Vella.

Pawlu Camilleri miet fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Marzu tal elf disa' mija u tnejn u tmenin (1982) u rregola s-successjoni tieghu b'diversi testmenti fosthom wiehed li sar fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin fis-sebgha (7) ta' Gunju 1975 permezz ta' liema testment, illi huwa ghamel unica charta flimkien ma' martu Ursola Camilleri, fost l-ohrajn hallew lill-binthom Carmela mart Martin Xuereb l-art ta' taht id-dar taghha, bla isem u bla numru fi Triq San Gwann, fin-Nadur, Ghawdex li fiha kejl ta' cirka nofs tomna.

Permezz ta' kuntratt ta' enfitewsi perpetwa illi sar fl-atti tan-Nutar Dottor Paul Pisani fil-21 ta' Ottubru 1991 omm l-attrici, Ursola Camilleri, ikkoncediet b'titolu ta' enfitewsi perpetwa lill-istess attrici Carmen mart Martin Xuereb nofs indiviz ossija d-drittijiet kollha spettanti lilha minn porzjon art imsejha ''Ta' Troppu'' fi Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka hames mija u hmistax-il metru kwadru (515m.k.) u dan kif deskritta ahjar fl-istess kuntratt.

Bejn il-proprjeta' tal-konvenuti u l-proprjeta' tal-atturi hemm passagg liema passagg suppost fih wisa' ta' madwar seba' (7) piedi kif dikjarat f'diversi atti.

Dan l-istess passagg gie spustjat ghall-fuq l-art tal-atturi mill-konventi meta dawn bnew id-dar tar-residenza taghhom u dan jirrizulta mill-fatt illi kemm il-konvenuti kif ukoll l-atturi inghataw bicca art "ta' cirka nofs tomna'' u fil-fatt illum l-art illi fuqha hemm il-propjeta' tal-konvenuti fiha aktar minn nofs tomna filwaqt illi l-art li fuqha hemm id-dar tal-atturi fiha hafna anqas min nofs tomna.

Meta kienu qed jibnu d-dar tar-residenza taghhom fuq l-art hawn fuq indikata l-atturi hallew parti mill-art lilhom koncessa u cioe' il-parti attigwa ghall-passagg b'tali mod

illi l-passagg issa gie li hu ta' ghaxar (10) piedi jew izjed fil-wisa' tieghu.

L-atturi ma jridux illi dan l-istess passagg u proprjament dik l-parti li hija taghhom tintuza' mill-konvenuti stante illi dawn ma ghandhom l-ebda dritt ghall uzu tal-istess.

Ghalkemm il-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex ma jibqghux jaghmlu uzu minn din il-parti tal-passagg dawn ma tawx kaz.

Ghalhekk l-atturi talbu lil din il-qorti sabiex:-

1. Tiddikjara li l-parti mill-art tal-atturi, attigwa ghall-passagg imsemmi u cioe' l-istrixxa mhix mibnija li tigi fuq nofsinhar tal-imsemmi passagg fi Triq San Gwann fin-Nadur, u tikkonfina mit-tramuntana mal-passagg innifsu jew propjeta' tal-konvenuti, u minn nofsinhar mal-kumplament tal-art tal-atturi illi fuqha ghandhom mibnija id-dar taghhom, tal-wisa' li jigi determinat minn din l-Onorabbli Qorti u matul il-passagg kollu, hija effettivament propjeta' assoluta u esklussiva tal-atturi u ma tifformax parti mill-imsemmi passagg.

2. Konsegwentament tiddikjara illi intom ma' ghandkom ebda drittijiet fuq din l-art u ghalhekk tinibikom milli taghmlu xi uzu kwalsiasi minn din l-istrixxa art.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li giet prezentata fil-31 ta' Dicembru 1997 (fol. 20), u fejn illum ghad trid tinghata decizjoni dwar l-ewwel, tielet u raba' eccezzjoni:

1. In-nullita' tac-citazzjoni ghaliex l-atturi ma ddikjarawx fir-rigward ta' kull xhud x'fatti u provi bi hsiebhom jaghmlu bix-xhieda tieghu kif rikjest mill-Artikolu 156(4) tal-Kap. 12.
2. fil-meritu t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt. Kienu l-atturi li osservaw id-distanza ta' 10 piedi mill-fond tal-konvenuti meta bew il-fond taghhom, u ghal dan gew kumpensati fit-testment ta' Paola Vella tal-24 ta' Ottubru 1975 fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi li halliet

legat porzjon art halli tikkumpensa lill-attrici ghat-tlett piedi li rtirat gol-art li fuqha bniet bil-patt u kundizzjoni ***“illi thalli il-passagg kollu.... kif inhu llum tal-wisa’ ta’ ghaxar piedi liberu ghall-bzonnijiet ta’ kull min ghandu dritt jghaddi minnu.”***.

3. Mhux minnu li l-konvenut spustaw ghal fuq l-art tal-atturi l-imsemmi passagg, fuq liema passagg il-kontendenti akkwistaw id-dritt ta’ passagg u ta’ introspezzjoni minghand Paola Vella permezz ta’ kuntratt fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi tal-11 ta’ Gunju 1966.

Rat it-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti konjugi Camilleri (fol. 21) li permezz taghha ppremettew li l-atturi poggew diversi qsari, ghatba u ngombri ohra fil-passagg. Inoltre li l-atturi qeghdin jippermettu lil terzi jaghmlu uzu mill-passagg ghal skopijiet ta’ negozju, b’konsegwenza li qeghda ssir hsara fil-proprjeta tal-konvenuti. Inoltre l-atturi nkanalaw l-ilma tal-bjut ta’ kostruzzjoni li ghamlu b’mod li l-ilma qed jaqa’ fil-passagg b’inkonvenjenza ghall-konvenuti u in kontravenzjoni tal-Artikolu 445 tal-Kodici Civili, u b’mod li d-dritt ta’ passagg taghhom qieghed jigi aggravat kontra l-ligi. Talbu lill-qorti sabiex:

1. Tiddikjara li l-istrixxa ta’ tlett piedi li tigi fuq in-naha tat-tramuntana tal-fond possedut mill-atturi ghandha tithalla libera ghall-access tal-konvenuti.
2. M’ghandiex tikkundanna lill-atturi jnehhu l-qsari, l-ghatba u l-ingombri l-ohra li poggew fl-imsemmija strixxa ta’ tlett piedi in kontravenzjoni tal-legat imholli minn Paola Vella.
3. M’ghandiex tiddikjara li l-ilma tax-xita li qed jaqa’ fuq il-passagg mill-bini kostruwit mill-atturi hu in kontravenzjoni tal-Artikolu 445 tal-Kodici Civili.
4. m’ghandhiex tikkundanna lill-atturi biex inehhu l-katusi li wahhlu mill-bill-bejt tal-bini u jinkanalaw l-ilma b’mod li ma jigi aggravat id-dritt ta’ passagg li jgawdu l-konvenuti.
5. M’ghandhiex tiddikjara li l-kontendenti biss, minhabarra l-komproprjetarji l-ohra ta’ dan il-passagg, ghandhom id-dritt ta’ passagg fuq il-passagg imsemmi ta’ seba’ piedi.

6. Tinibixxi lill-atturi milli jhallu lil terzi inkluzi socjetajiet kummercjali proprjeta tal-istess atturi milli juzaw l-imsemmi passagg ta' seba' piedi u jaccedu ghal xi fond minn fuq l-istess passagg.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-atturi Martin u Carmena konjugi Xuereb (fol. 25) li saret bi twegiba ghat-talba rikonvenzjonali tal-konvenuti Peter Paul u Marija konjugi Camilleri:-

1. It-talbiet tal-konvenuti Peter Paul u martu Marija Camilleri huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u dana ghar-ragunijiet kif diga espresso fic-citazzjoni ipprezentata minnhom u fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa mal-istess Citazzjoni.

Semghet il-provi.

Rat ir-rapport tal-perit tekniku Joseph Mizzi (fol. 146) li kien gie nominat b'digriet tal-14 ta' Lulju 2006.

Rat is-sentenza parzjali li nghatat fl-20 ta' Jannar 2009 (fol. 213) u li permezz taghha gew michuda it-tieni eccezzjoni u l-eccezzjoni ulterjuri (fol. 194) tal-konvenuti.

Rat l-atti kollha u minn fejn jirrizulta li hadd mill-partijiet ma pprezenta nota ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsidrat:-

1. Il-qorti ser tirriproduci l-fatti tal-kawza kif elenkati fis-sentenza parzjali tal-20 ta' Jannar 2009:-

a. L-attrici (Carmela Xuereb) hi oht il-konvenuta (Marija Camilleri) ulied Paolo u Ursola konjugi Camilleri.
b. L-atturi huma proprjetarji tal-fond Unites States House, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex.
c. Il-konvenuti huma proprjetarji tal-fond Chez Nous, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex.
d. Bejn dawn iz-zewgt idjar hemm passagg li jikkonfina ma' Triq San Gwann.

e. Permezz ta’ kuntratt pubblikat **fil-11 ta’ Gunju 1966 fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi**[1], Paola Vella (zija ta’ l-attrici u l-konvenuta) tat lill-attrici u l-konvenuta *“bhala futuri proprjetarji tal-fondi rispettivi konfinanti il-passagg hawn taht imsemmi”*...... d-dritt li ***“..jghaddu minn u jifthu bibien u twieqi fuq il-passagg appartenenti lill-venditrici li qieghed fl-imsemmi Nadur, fil-kuntrada Ta’ Triq San Gwann, u li jghati ghal raba maghruf Ta’ Troppu...”***.

f. Permezz ta’ testment li sar fis-7 ta’ Gunju 1975 fl-atti tan-nutar Maurice Gambin (fol. 9), Paul u Ursola konjugi Camilleri hallew b’titolu ta’ legat lil binthom:-

a. **Marija Camilleri** *“...in piena u assoluta proprieta’ l-art taht id-dar taghhom jisimha Chez Nous, bla numru, fi Triq San Gwann Nadur.”*.

b. **Carmela Xuereb** *“in pjena u assoluta proprieta u akkont ta’ sehemha mill-wirt tat-testaturi, l-art taht id-dar taghha (bil-hanut maghha), bla isem u bla numru, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex......”*.

g. Permezz ta’ testment li sar fl-24 ta’ Ottubru 1975 fl-atti tan-nutar Giuseppe Cauchi (fol. 39), Paola Vella halliet b’titolu ta’ legat lill-attrici Carmela Xuereb *“porzjon art mill-imsemmi raba’ Ta’ Troppu li tigi fuq il lvant tal-limiti li stess Carmela Xuereb u zewgha Martin tellghu fuq in-naha tal-puntent tal-istess raba Ta Troppu. Din il-porzjon art legata hi diga’ okkupa mill-legatarja u zewgha u ttiehdet minnhom bil-kunsens tat-testatrici biex tpatti dak li il-legatarja tilfet meta kellha thalli cirka tlett piedi wisa u tul il-bini taghha art fuq it-tramuntana ta’ l-istess bini biex il-passagg li kien hemm fuq dan ir-rih tal-ahhar li semmejna minn seba piedi isir wisa tal-ghaxar piedi skond il-ligi biex il-fond konfinanti jkunu jistghu jifthu fuqu.* ***Bl-obbligu fiha legatarja Carmela Xuereb illi thalli il-passagg kollu li jigi fuq it-tramuntana kif inhu illum tal-wisa ta’ ghaxar piedi ghal bzonnijiet ta’ kull min ghandu dritt jghaddi minnu*** *”*.

h. Permezz ta’ kuntratt datat 21 ta’ Ottubru 1991 fl-atti tan-nutar Dr Paul George Pisani (fol. 12), Ursola Camilleri (omm l-attrici u konvenuta) ittrasferiet lill-attrici

[1] Fol. 6.

Carmen Xuereb *"n-nofs (1/2) indiviz ossija d-drittijiet kollha lilha spettanti minn porzjon art imsejha Ta' Troppu, fi Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex tal-kejl ta' cirka hames mija u hmistax-il metru kwadru (515mk) u tmiss mill-punent ma' Triq San Gwann, tramuntana ma' sqaq li jaghti ghal Triq San Gwann, nofsinhar ma' beni ta' Anthony Cauchi, u l-lvant ma' beni tal-koncedenti...... u fuq liema art il-koncessjonarja bniet a spejjez taghha u ta' zewgha d-dar tal-abitazzjoni taghha"*. Fl-istess att jinghad li l-art tifforma parti mill-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-venditrici u zewgha u giet akkwistata b'titolu oneruz fiz-zwieg b'att tan-nutar John Busuttil tas-16 ta' Settembru 1956.

i. Il-konvenuti bnew id-dar taghhom f'nofs is-snin sittin. L-istess ghamlu l-atturi. Il-konvenut ikkonfema li *"meta nbena l-post tal-atturi, dawna hallew spazju ta' ghaxar piedi fil-bidu tas-sqaq tul id-dar taghhom."*(fol. 34). Jidher li l-atturi hallew spazju ta' cirka tlett piedi bhala wisa' sabiex tigi rispettata d-distanza ta' ghaxar piedi skond l-Artikolu 435 tal-Kodici Civili.

j. Il-wisa' tal-passagg ivarja bejn 11.48 pied u 15.58 pied (ara xhieda ta' perit tekniku Joseph Mizzi – seduta tad-29 ta' Frar 2008 [fol. 163]).

2. Dwar l-ewwel eccezzjoni din hi ezawrita in kwantu s-smiegh tal-provi nghalaq, u l-konvenuti ma baqghux jinsistu fuqha fil-kors tas-smiegh tal-kawza. Ghalhekk il-qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din l-eccezzjoni.

3. Il-passagg meritu tal-kawza hu dak li jidher fir-ritratti a fol. 234 u 236. Jibda biex jinghad li l-qorti m'hijiex sodisfatta li l-atturi rnexxielhom iressqu provi sodisfacenti li meta l-konvenuti bnew id-dar taghhom okkupaw xi parti minn dan il-passagg li jisbokka ghal fuq Triq San Gwann, Nadur, u li b'rizultat ta' dan il-passagg gie trasferit ghal fuq l-art proprjeta' tal-atturi. Kif rajna fit-testment li sar fis-7 ta' Gunju 1975 fl-atti tan-nutar Maurice Gambin (fol. 9), Paolo u Ursola konjugi Camilleri hallew lil binthom ***"...in piena u assoluta proprieta' l-art taht id-dar taghhom***

jisimha Chez Nous, bla numru fi Triq San Gwann Nadur, mibnija bi flusha u bi flus zewgha,...... u dana akkont ta' sehemha mill-wirt tat-Testaturi.". Hu ghalhekk evidenti li fid-data tat-testment l-art imhollija b'legat kienet ben definita ghaliex kien hemm diga' id-dar li nbniet mill-konvenuti. L-atturi ma tawx spjegazzjoni ta' kif waslu ghall-konkluzjoni li fil-kostruzzjoni tad-dar taghhom, il-konvenuti okkupaw xi parti mill-art tal-atturi.

4. Waqt l-access li sar fl-20 ta' April 2007, id-difensur tal-attrici ddikjara:-

"Dr Chris Said ghall-atturi spjega li l-interess taghhom (tal-atturi) hu li jkun hemm dikjarazzjoni mill-Qorti li l-passagg kollu jigi ddikjarat proprjeta' taghhom. ***<u>Ghalhekk l-atturi m'humiex jikkontestaw id-dritt ta' passagg favur il-konvenuti u l-aperturi li hemm fil-proprjeta' tal-konvenuti u li jaghtu ghal fuq dan il-passagg.</u>****"* (fol. 132 - enfazi tal-qorti).

Dikjarazzjoni li fl-ebda stadju tal-procediment ma giet irtirata u ghalhekk il-qorti ma tifhimx kif l-atturi baqghu jinsistu fuq it-tieni talba tac-citazzjoni.

Jibda biex jinghad li l-atturi ma rnexxielhomx iressqu provi li huma proprjetarji assoluti tal-passagg. Jirrizulta li meta' zviluppaw l-art, thalla spazju ta' tlett piedi li zdiedu ma' dak ezistenti cjoe dak li fih l-ahwa Carmela Xuereb u Maria Camilleri akkwistaw drittijiet reali minghand Paola Vella permezz tal-kuntratt li sar fil-11 ta' Gunju 1966 (fol. 6). Il-konvenuta xehedet: *"****Nixtieq inzid illi it-tlett piedi zdiedu mal-passagg sabiex l-atturi*** *ikunu jistghu jifthu t-twieqi fuq l-istess passagg kif ukoll jiffurmaw gallerija li taghti fuq l-istess passagg."* (fol. 42 - enfazi tal-qorti). Mill-provi rrizulta li:-

a. Bit-testment li sar fis-7 ta' Gunju 1975 fl-atti tan-nutar Maurice Gambin (fol. 9), Paolo u Ursola konjugi Camilleri hallew b'legat lill-attrici Carmen Xuereb, *"****l-art ta' taht id-dar taghha (il-hanut maghha)****, bla isem u bla*

numru, Triq San Gwann, Nadur, Ghawdex" (enfazi tal-qorti).

b. B'kuntratt tal-21 ta' Ottubru 1991 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani (fol. 12) Ursola Camilleri tat lil bintha Carmen Xuereb, b'enfitewsi perpetwa, nofs indiviz (1/2) tal-art b'kejl ta' cirka 515 metri kwadri *"....u **fuq liema art il-koncessjonarja bniet a spejjez taghha u ta' zewgha d-dar tal-abitazzjoni taghha.**"* (enfazi tal-qorti).

Dawn huma t-titoli li l-atturi jaghmlu riferenza ghalihom in sostenn tat-tezi taghhom. Il-qorti ma tifhimx kif l-atturi qeghdin jargumentaw li l-istrixxa art li tifforma parti mill-passagg u li ma nbnietx meta bnew id-dar taghhom, hi *"**proprjeta assoluta u esklussiva tal-atturi** u ma tifformax parti mill-ewwel passagg"* (ara l-ewwel talba tac-citazzjoni). In vista ta' dak li jinghad fl-imsemmija atti, il-qorti ma tistax taqbel mal-premessa tal-atturi li meta bnew id-dar taghhom *"....**hallew parti mill-art lilhom koncessa** u cioe' il-parti attigwa ghall-passagg b'tali mod illi l-passagg issa gie li hu ta' ghaxar (10) piedi jew izjed fil-wisa tieghu."*. L-atturi ma ressqu l-ebda prova li l-parti tal-passagg li zdied ma' dak li kien diga' ezistenti, kien thalla jew gie trasferit b'mod esklussiv lilhom minn Paolo u Ursola konjugi Camilleri. L-attrici Carmen Xuereb kienet akkwistat, in forza tal-atti fuq imsemmija, l-art fejn fuqha kienet diga' bniet (flimkien ma' zewgha) id-dar United States of America. Fl-ebda parti tat-testment tas-7 ta' Gunju 1975 u kuntratt tal-21 ta' Ottubru 1991, ma jissemma li l-attrici kienet qeghda takkwista l-proprjeta' esklussiva ta' xi parti mill-passagg. Jinghad ukoll li mir-rapport imhejji mill-perit Joseph Mizzi, jinghad li l-fond tal-atturi ghandu kejl ta' 555 metri kwadri, li hu iktar minn dak dikjarat fil-kuntratt ta' akkwist tal-21 ta' Ottubru 1991 fl-atti tan-nutar Paul George Pisani (fol. 12). Inoltre, fid-dikjarazzjoni tal-fatti tal-atturi (fol. 3 u 26) u fil-kors tas-smiegh tal-provi, l-atturi ma ressqux xi prova ta' titolu iehor minn fejn jirrizulta li akkwistaw il-proprjeta' esklussiva ta' xi parti mill-passagg li jikkonfina mad-dar li bnew l-atturi (United States House).

Il-konvenut Peter Paul Camilleri xehed: ***"Jiena bnejt id-dar tieghi fl-1964 u 1965 kif jirrizulta mid-dokumenti allegati u mmarkati Dok. P.P.C. 1 u P.P.C.2. <u>L-atturi bnew id-dar taghhom li hija separata mid-dar taghna bil-passagg in kwistjoni fl-1966.</u>"*** (fol. 34 – enfazi tal-qorti). Dikjarazzjoni li ma gietx kontradetta mill-atturi. Rajna kif mill-provi jidher li **fid-data li l-konjugi Xuereb bnew id-dar**, l-art ma kenitx proprjeta taghhom. Ghalhekk gialadarba mill-provi ma rrizultax li l-ispazju in kwistjoni ma giex trasferit b'att *inter vivos* jew *causa mortis* b'mod esklussiv lill-atturi, dak l-ispazju ghadda fil-wirt ta' Paolo u Ursola konjugi Camilleri. Ghalhekk il-qorti ma tistax tilqa' l-ewwel talba tal-atturi li hemm xi parti mill-passag li hi proprjeta esklussiva tal-atturi.

5. Fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali, il-qorti tosserva li:-

a. M'hemmx dubju l-passagg kif inhu ghandu jservi bhala moghdija ghal min ghandu proprjeta' tikkonfina mieghu, u m'ghandhomx jitpoggew fih affarijiet li jistghu jingombrawh b'mod li jkun ta' xkiel ghal min ikun irid ighaddi minnu. Pero' mill-provi ma rrizultax li kien hemm xi hadd li qieghed jingombra l-passagg.
b. Ma jirrizultax li fil-passagg qeghdin jithallew xi oggetti li jingumbrawh jew li jfixxklu l-moghdija.
c. Ir-riferenza ghall-Artikolu 445 tal-Kodici Civili hi ghal kollox barra minn lokha in kwantu mill-provi ma rrizultax li hemm xi ilma mill-bejt tal-atturi li qieghed imur fil-proprjeta tal-konvenuti.
d. Il-qorti hi tal-fehma li l-passagg ghandu jservi bhala moghdija ghal kull min ghandu l-proprjeta' li tikkonfina l-passagg, u ovvjament ukoll nies li minn zmien ghal zmien ikunu qeghdin jaghmlu uzu minn dik il-proprjeta' jew nies li jkollhom bzonn imorru jzuru lil xi hadd f'dawk il-proprjetajiet

Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda taqta' u tiddeciedi l-kawza billi:-

1. Tichad it-talbiet tal-atturi bl-ispejjez kontra taghhom, inkluz dawk tal-perizja.
2. Filwaqt li tikkonferma li l-passagg kif ezistenti ma jistax jigi ngumbrat b'mod li jfixkel moghdija minnu, tichad il-kumplament tat-talbiet rikonvenzjonali tal-konvenuti bl-ispejjez kontra taghhom. Spejjez tar-rikovenzjoni a karigu tal-konvenuti.

< Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------